MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2015

Numru. 74/2015

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Anne Marie Xuereb)**

**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**Stephen Anthony Camilleri**

Il-Qorti;

Rat l- imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Stephen Anthony Camilleri ta’ 32 sena, bin il-mejjet Anthony u Rose Marie nee’ Buhagiar, imwieled Pieta fit-3 ta’ Marzu, 1982, residenti Le Mans Mansions, Flat 5, Triq l-Imdina, Attard u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 151782(M).

Akkuzat talli nhar il-21 ta’ Jannar 2015 u fix-xhur/snin ta` qabel, f` dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1. approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta’ aktar minn hamest elf euro (€5000) ghad-dannu tal-Fundazzjoni Wirt Artna*,* liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u l-istess somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu;

2. U aktar talli fl-istess data hin, u cirkostanzi, Ikkommetta serq ta’ flus li sar ghad-detriment tal-Fundazzjoni Wirt Artna, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur,u bil-persuna.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-23 ta' Jannar, 2015 ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza li l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi tkun piena karcerarja sospiza bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H fejn l-imputat jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' sebat elef Euro (€7,000) lil Fondazzjoni Wirt Artna.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 293, 294, 310(1)(a), 18, 261(c)(d), 267, 268(a) u 279(b) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b' applikazzjoni tal-Art. 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' erba' (4) snin millum.

Il-Qorti b' applikazzjoni ta' l-artikolu 28H tal-Kap. 9 tordna lill-imputat biex fi zmien sitt (6) xhur ihallas lil Fondazzjoni Wirt Artna s-somma ta' sebat elf Euro (€7,000).

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma'

kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------